

32003D0451

13.3.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 69/6

**ID-DEĊIŻJONI Nru 451/2003/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tas-27 ta' Frar 2003**

**li temenda Deċiżjoni Nru 253/2000/KE li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta' azzjoni tal-Komunità
fil-qasam ta' l-edukazzjoni "Socrates"**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikoli 149 u 150 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Taqsima IV, Punt B.2 ta' l-Anness mad-Deċiżjoni Nru 253/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ tistabbilixxi li għajnuna tal-Komunità lejn ir-realizzazzjoni ta' proġetti magħżula għal fondi skond il-programm ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam ta' l-edukazzjoni "Socrates" (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-"programm") ma taqbiżx normalment 75 % ta' l-ispejjeż totali tal-proġett, ħlief fil-każi ta' miżuri magħhom.
- (2) Deċiżjoni Nru 819/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 1995 tistabbilixxi l-programm ta' azzjoni tal-Komunità "Socrates" ⁽⁵⁾ ma stipulatx livell minimu ta' kofinanzjament.
- (3) Proġetti fl-azzjonijiet deċentralizzati tal-programm ma jistgħux iseħħu mingħajr kontribuzzjoni sinifikanti bħal ħin minn staff u appoġġ infrastrutturali mill-organizzazzjonijiet involuti fl-assoċjazzjoni tal-proġett. L-assistenza tal-Komunità awtorizzata għal dawn il-proġetti ma tkoprix l-ispejjeż tal-kontribuzzjonijiet ta' dawn l-istaff, imma tista' tkopri sa' 100 % ta' spejjeż oħra li ntefqu fir-realizzazzjoni tal-proġett.
- (4) Il-grupp li hu mmirat għal dawn il-proġetti hu primarjament istituzzjonijiet żgħar bħal skejjet u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għall-adulti, li ġeneralment għandhom riżorsi amministrattivi limitati.
- (5) Il-Komunità ma htigitx qabel minn istituzzjonijiet li qed jipparteċipaw f'proġetti fl-azzjonijiet deċentralizzati tal-programm biex jipprovdu informazzjoni dwar l-ispiża tal-kontribuzzjoni ta' l-istaff li huma jimpjegaw biex jirrealizzaw dawn il-proġetti.

- (6) Is-somma awtorizzata bħala għajnuna mill-Komunità għal proġetti f'azzjonijiet deċentralizzati tal-programm hi żgħira, madwar EUR 3 315 fl-2000.
- (7) Il-Parlament Ewropew fir-Resoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Frar 2002 dwar l-implimentazzjoni tal-programm "Socrates" wera tħassib dwar il-proċeduri amministrattivi disproporzjonalment onerużi għall-benefiċjarji ta' konċessjonijiet żgħar, speċjalment skond l-azzjoni Comenius, u talab lill-Kummissjoni biex tipproponi kull tibdil leġiżlattiv neċessarju biex titneħħa l-ħtieġa ta' kofinanzjament għal dawk il-konċessjonijiet.
- (8) Il-Kummissjoni fil-"White Paper" tagħha - Parti II - Pjan t'Azzjoni ntitolat Riforzi għall-Kummissjoni kkommettiet ruħha biex ittejjeb u tissimplifika l-proċeduri interni u esterni tagħha, sakemm jirrelataw ma' istituzzjonijiet oħra, Stati Membri u ċittadini.
- (9) M'hux konsistenti mal-prinċipji ta' simplifikazzjoni u proporzjonalità li tiġi applikata ħtieġa ġdida fuq l-istituzzjonijiet li qed jipparteċipaw fil-proġett fl-azzjonijiet deċentralizzati tal-programm biex tiġi ġustifika l-kontribuzzjoni lejn ir-realizzazzjoni tagħhom bl-għajnuna ta' l-istaff impjegati minn dawn l-istituzzjonijiet, biex jiġi muri biss li l-għajnuna tal-Komunità ma taqbiżx normalment 75 % ta' l-ispejjeż totali tal-proġett.
- (10) Hemm bżonn għalhekk li tiġi emendata d-disposizzjoni li hemm fl-ewwel paragrafu ta' Taqsima IV, Punt B.2 ta' l-Anness mad-Deċiżjoni Nru 253/2000/KE biex titħalla flessibilità xierqa fl-applikazzjoni ta' dan il-ftehim ta' kofinanzjament,

IDDEĊIDEW DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-ewwel paragrafu tat-Taqsima IV, Punt B.2 ta' l-Anness mad-Deċiżjoni Nru 253/2000/KE għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Bħala regola ġenerali, l-għajnuna finanzjarja Komunitarja awtorizzata għal proġetti taħt dan il-programm hi maħsuba parzjalment biex tikkompensa l-estimu ta' l-ispiża li hi neċessarja biex jitwettqu l-attivitajiet miftiehma u tista' tkopri perijodu massimu ta' tliet snin, bla ħsara għal reviżjoni perijodika tal-progress li jintlaħaq. Skond il-prinċipju ta' kofinanzjament, il-kontribuzzjoni tal-benefiċjarju tista' tkun bħala provvediment ta' persunal u/jew infrastruttura neċessarja għar-realizzazzjoni tal-proġett. Għajnuna tista' tiġi awtorizzata bil-quddiem biex ikunu jistgħu jsejgħu żjarat preparatorji rigward il-proġetti msemmija."

⁽¹⁾ ĠUC 203 E, tas-27.8.2002, p. 133.

⁽²⁾ ĠU C 241, tas-7.10.2002, p. 97.

⁽³⁾ L-opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Settembru 2002 (għadha m'hux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003.

⁽⁴⁾ ĠU L 28, tat-3.2.2000, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 87, ta' l-20.4.1995, p. 10. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni Nru 68/2000/KE (ĠU L 10, ta' l-14.1.2000, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata ta' wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Frar 2003.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

P. COX

Għall-Kunsill

Il-President

M. CHRISOCHOÏDIS
